# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 30**

12 t'April 2017

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku Davina Sammut Hili presediet il-laqgħa.

**30.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

30.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

**30.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

30.2.1. Is-Sindku DSH qalet li bħalma ġie deċiż fl-aħħar laqgħa, kienet intalbet kjarifika dwar jekk il-laqgħat straordinarji għandhomx jiġu innumerati. Hija qalet li wara li l-Kunsill ikkonsulta, kien ġie informat li dawn għandhom jiġu nnumerati xorta waħda.

30.2.2. Għalhekk, is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tmienja u għoxrin (28) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.2.1. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 4 (AD, JAE, DSH, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (AGS)

30.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tad-disgħa u għoxrin (29) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

30.2.3.1. Il-Kunsillier JAE ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun unanimu.

30.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 29.2.1.2 u staqsa jekk kienx hemm xi risposta dwar il-proġett ta' Taħt il-Forka. Is-SE wiegbet li kienet ikkomunikat ma' xi uffiċjali iżda ma kellhiex risposta u għalhekk kienet intbagħtet korrispondenza lill-Ministru Abela. Is-Sindku DSH żiedet tgħid li għandha kuntatti tal-Perit li ħa ħsieb dan il-proġett u qalet li ser tgħaddi l-informazzjoni lill-uffiċċju amministrattiv.

30.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 29.2.1.4 u staqsa jekk kienx ser isir restawr tas-subways apparti r-restawr li qed isir taħt il-loġoġ. Is-Sindku DSH wieġbet li ma kellix informazzjoni dwar dan.

30.2.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-*subways* ta' maġenb Bieb il-Bombi u qal li s-sitwazzjoni ta' din is-*subway* ma kienitx pjaċevoli. Huwa qal ukoll li kien hemm bżonn li jkun hemm sinjali li jindikaw li hemm *subway* fil-viċin. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb jinforma lil Transport Malta għas-sinjali u lill-Cleansing Department dwar it-tindif.

30.2.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-proposta tiegħu għall-immodernizzar tas-*subways* u staqsa lis-Sindku jekk kienitx ser tinżamm laqgħa dwar dan. Is-Sindku DSH qalet li fil-jiem li ġejjin għandha laqgħa mal-VFRP u ser tressaq diversi punti inkluż dan is suġġeriment.

30.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 29.2.1.7 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward il-proposta relatata mal-Park n' Ride. Is-SE qalet li kienet irċeviet korrispondenza li t-talba tal-Kunsill kienet għaddiet lill-uffiċċjali ikkonċernati.

30.2.7. Il-Kunsillier AGS staqsa dwar il-proposta mressqa minnu rigward l-iskema ta' parkeġġ fil-Floriana u staqsa jekk kienitx inżammet laqgħa mal-Onor. Mizzi. Is-Sindku wiegbet li din il-laqgħa għandha tintalab fil-jiem li ġejjin.

30.2.7.1. Il-Kunsillier AGS staqsa wkoll jekk kienx hemm xi żvilupp fuq it-tqassim tal-permessi l-ġodda tal-iskema ta' parkeġġ. Is-Sindku DSH qalet li min kien intitolat ser jerġa' jintalab id-dokumenti oriġinali sabiex il-Kunsill jara jekk għadhomx intitolati għall-permess residenzjali. Is-SE semmiet ukoll li l-uffiċċju kien qed jaħdem biex jinstalla is-sistema tas-CDB sabiex jiffaċilita l-proċess tal-verifika.

30.2.8. Il-Kunsillier AGS qal li jixtieq iressaq suġġeriment dwar is-sejħa għall-offerti għal servizz ta' avukat. Huwa qal li jixtieq jipproponi lil Dr Matthew Paris. Is-Sindku DSH informat li l-applikanti riedu japplikaw mis-sistema tal-EPPS u għalhekk ladarba Dr Paris ma kienx tefa' l-offerta' tiegħu, ma setax jitqies fost l-offerenti.

## 30.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

### 30.3.1. LAQGĦA RIGWARD IL-PROĠETT TA' ĠNIEN L-ARGOTTI

Is-Sindku informat lill-Kunsill li kienet inżammet laqgħa mal-Perit responsabbli mil-proġett tal-Argotti li matulha kienu ħarġu diversi punti. Is-Sindku qalet li l-Ġnien tal-Argotti kien diġà ingħalaq għall-pubbliku u kienet informata li l-proġett kellu jitlesta sal-aħħar ta' Diċembru 2017.
Is-Sindku qalet li l-Perit kien talab permess lill-Kunsill sabiex il-*workshop* temporanju tal-ħaddiema jkun jista' jitpoġġa minflok il-bank li hemm quddiem il-ġnien. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jilqa' din il-proposta sakemm jitlesta l-proġett.
Is-Sindku żiedet tgħid ukoll li kienet talbet li jsir tarmac int u sejjer lejn l-istazzjon tal-ferrovija u kienet informata li t-talba ser tiġi ikkunsidrata. Is-Sindku qalet ukoll li t-*toilets* ser jitneħħew minn fejn huma u jsiru iktar 'il ġewwa fi Ġnien l-Argotti.
Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm ħsieb li jsir restawr fi Ġnien San Filippu. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm ħsieb iżda ma kienx hemm konferma meta se jsir dan il-proġett.

### 30.3.2. IS-SAQAF TAL-GABBANA TAL-KGV

Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li kien hemm bżonn li jiġi rranġat is-saqaf tal-gabbana li hemm fil-KGV. Hija qalet li x-xogħol oriġinali ma kienx sar sew u għalhekk kien hemm bżonn li jinbidel is-saqaf kollu tal-gabbana. Is-Sindku żiedet tgħid li kien hemm bżonn li jintalbu kwotazzjonijiet b'mod immedjat sabiex isir ix-xogħol neċessarju b'urġenza ħalli l-gabbana tkun tista' tibda topera. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandhom jintalbu kwotazzjonijiet għax-xogħol imsemmi.

### 30.3.3. HEALTH AND SAFETY ASSESSMENT

Is-Sindku DSH informat li l-Health and Safety Assessment kien mandatorju skont il-Liġi. Hi qalet li dan l-assessment kien ser jammonta għal €250 eskluż VAT u ser ikun ipprovdut minn JP Health & Safety Consultants li huma kumpanija rreġistrata fuq is-sit tal-OHSA. Il-Kunsill approva u qabel li l-pagament għandu joħroġ appena jiġi sottomess id-dokument.

### 30.3.4. LAQGĦA MAN-NEXOS STREET LIGHTING

Is-Sindku DSH qalet li kienet inżammet laqgħa man-Nexos Street Lighting dwar is-sitwazzjoni tad-dawl fi Ġnien Sir Luigi Preziosi. Is-Sindku qalet li x-xogħol oriġinali ma kienx sar sew u saħansitra kien hemm wires esposti b'mod perikoluż. Il-Kunsillier AD qal li l-electrician jinżamm responsabbli għax-xogħol li hu jkun iffirma għalih iżda f'każ li jinstab li hemm xi forma ta' periklu, id-dawl jiġi skonnettjat. Is-Sindku DSH qalet li mil-laqgħa li nżammet gie determinat li x-xogħol li hemm bżonn isir kien wieħed estensiv. Il-Kunsillier AGS staqsa jekk il-Kunsill jistax jitlob xi għajnuna finanzjarja

minn xi entita' jew fondi Ewropew. Is-SE qalet li fondi Ewropew kienu diffiċli biex tapplika għalihom minħabba li l-Kunsill ma kellux biżżejjed kapital minn quddiem. Is-Sindku DSH qalet li għandha tipprova tagħmel dak kollu possibbli sabiex tintalab għajnuna finanzjarja appena jkun hemm konferma tal-ispiża.

30.3.5. **Fondi marbuta mal-proġett ta' l-EEA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar il-proġett ta' l-EEA u nformat li l-Kunsill seta' japplika għal dawn il-fondi. Hija semmiet li l-fondi jistgħu ikopru *equipment* biex il-bandli jkun iktar imfittex; kameras biex il-post ikun iktar sigur, eċċ. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex tiċċirkola din il-korrispondenza ħalli il-kunsillieri jkunu jistgħu jgħaddu l-ideat tagħhom. Is-Sindku talbet li l-kunsillieri għandhom iressqu l-idejat tagħhom malajr kemm jista' jkun peress li dawn il-fondi kienu disponibbli fuq bażi ta' *first come first served*.

30.3.6. **Bilanċ pendenti – Justin Haber Academy**

Is-Sindku DSH qalet li dakinhar kienet ikkomunikat mal-Akkademja ta' Justin Haber dwar il-bilanċ dovut lill-Kunsill li kien ilu żmien twil pendenti. Is-Sindku qalet li d-diretturi kienu kkonfermawlha li l-bilanċ kien ser jiġi setiljat sat-Tnejn ta' wara. Hija qalet li kienet tinsab iddiżappuntata li l-kumpaniji jagħmlu użu minn proprjetà tal-Kunsill iżda jdumu żmien twil sabiex jissetiljaw il-bilanċi tagħhom mal-Kunsill. Hija qalet li l-irġulija għandha tiġi minn żewġ naħat u mhux minn parti waħda biss.

30.3.7. **Talba mill-Young Stars Hockey Club**

Is-Sindku DSH informat li l-Young Stars Hockey Club kienu nformaw li kienu ser jipparteċipaw f'kompetizzjoni internazzjonali u offrew lill-Kunsill sabiex jikkollabora mal-klabb f'din l-attività billi jieħu ħsieb il-printing tal-*gears* tal-plejers. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix l-€450.

**30.4 Rapporti**

30.4.1 Il-Viċi Sindku VB qal li kellu laqgħa mal-maniġment tal-Isptar Sir Paul Boffa fejn ġew diskussi il-parkeġġi riservati li jintużaw esklussivament minnhom.
Il-Viċi Sindku ppropona li jitneħħew sitt parkeġġi riservati u jitħallew erba' parkeġġi riservati: tnejn minnhom biex jintużaw minn persuni bi bżonnijiet speċjali u tnejn oħra biex jintużaw minn pazjenti ta' ċertu età jew bżonnijiet straordinarji. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**30.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

30.5.1. Ma kien hemm l-ebda mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**30.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;**

30.6.1. Ma kienx hemm rapporti imressqa.

**30.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

30.7.1. Is-Sindku DSH ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 24/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

30.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 30.8 MOZZJONIJIET;

### 30.8.1. Mozzjoni 1 – Family Park fil-Jubilee Grove

Il-Kunsillier JAE qal li fil-lokalita' hemm masġar li ma tantx jitgawda u kien għalhekk li qed jipproponi li jsir dan il-Family Park li jkun jista' joffri mistrieħ minn din iż-żona daqstant urbana. Huwa qal li permezz ta' dan, tkun qed tiġi ppreservata wkoll in-natura.

Il-Viċi Sindku VB qal li l-idea kienet tajba iżda hemm problema ta' parkeġġ. Huwa qal ukoll li s-siġar huma baxxi ħafna u għalhekk ikun hemm bżonn li jitneħħew is-siġar sabiex isiru passaġġi.

Il-Kunsillier JAE qal li ma kienx hemm bżonn li jsiru passaġġi u li l-idea kienet li jkun simili għal Ta' Qali. Huwa qal ukoll li diġà kien hemm "passaġġi" minħabba li l-masġar kien diġà jintuża minn xi wħud. Il-Kunsillier insista li l-idea kienet li tikkultiva ż-żona u mhux li tirrovinaha u dan sabiex iż-żona tkun tista' titgawda min-nies.

Is-Sindku DSH qalet li l-ewwel il-Kunsill irid jieħu deċiżjoni jekk jaqbilx fil-prinċipju u mbagħad tkun tista' tiġi diskussa l-loġistika. Il-Kunsill qabel mal-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u qabel li din il-proposta titressaq quddiem il-Gvern Centrali.

### 30.8.2. Mozzjoni 2 – Sede camera fi Triq Sant'Anna

Il-Kunsillier JAE esprima x-xewqa li l-Kunsill jerġa' jqajjem din il-materja mal-awtoritajiet. Huwa qal li għalkemm Triq Sant'Anna ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill, il-Kunsill kellu l-prijorità il-lokalita' u r-residenti tagħha. Huwa żied jgħid li l-komunità kienet waħda anzjana u għalhekk il-Kunsill għandu jieħu ħsieb li r-residenti jħossuhom siguri jaqsmu minn din it-triq.

Is-Sindku DSH qalet li hi ma taqbilx ma' din il-mozzjoni personalment u tħoss li tali proposta għandha tiġi mill-Gvern Centrali u mhux mill-Kunsill. Hija żiedet tgħid li ma tħossx li l-Kunsill għandu jidher li qed jipproponi multi ulterjuri.

Il-Kunsillier AD qal li hemm xi teknikalitajiet x'jiġu ikkunsidrati: huwa qal li jgħaddu l-karozzi tal-linja u għalhekk vetturi fuq il-karreġġjata tan-naħa ta' barra ma kienux ser jinqabdu. Huwa żied jgħid ukoll li kien hemm erba' *bus stops* u żewġ *traffic lights* fit-triq u għalhekk il-veloċità li tista' ttellà kienet limitata. Huwa qal ukoll li jħoss li *speed camera* f'din it-triq tkun daqsxejn goffa.

Il-Kunsillier JAE qal li diġà kien hemm applikazzjoni quddiem il-Parlament u għalhekk iħoss li jekk il-Kunsill jipproponi din il-materja, ikun qed jieħu ħsieb lir-resident tal-lokalita'.

Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-mozzjoni.

Għalhekk, il-Kunsillier JAE ippropona li tal-anqas il-Kunsill jitlob li jsiru s-sinjali neċessarji tal-limitu tal-veloċità fit-triq. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-mozzjoni tinbidel għal talba għas-sinjali relevanti tat-traffiku. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitlob lill-entita' responsabbli sabiex tieħu ħsieb tagħmel is-sinjali neċessarji.

### 30.8.3. Mozzjoni 3 – Talba għal garanzija finanzjarja mat-talba tal-użu taż-żoni fil-Floriana

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li l-mozzjoni tiġi emendata sabiex titlob depożitu fuq attivitajiet li jiġu organizzati fuq iż-żoni kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li jintalab depożitu kif propost.

**30.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

30.9.1. Is-Sindku DSH qalet li l-bord tal-aġġudikazzjoni tal-offerti kien iltaqa' dakinhar wara nofsinhar. Hija qalet li għandha tinżamm laqgħa straordinarja sabiex tittieħed deċiżjoni dwar is-sejħiet għall-offerti li l-Kunsill għandu pendenti.

30.9.2. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li t-tender tal-*istreet sweeping* kien gie ppubblikat fl-EU Journal minħabba li jaqbeż it-*threshold* tal-EPPS.

30.9.3. Is-Sindku DSH informat ukoll li kienu nġiebu kwotazzjonijiet għax-xiri ta' *lanyards* għal matul il-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Hija pproponiet li l-Kunsill imur għall-orħos offerta' li tammonta għal €0.50 eskluż VAT. Il-Kunsill qabel.

30.9.4. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm bżonn li jsir ameljorament fl-għamara tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Hija pproponiet li l-Kunsill jalloka l-ammont ta' €4000 sabiex isir dak li hu neċessarju. Il-Kunsill qabel.

30.9.4.1. Il-Viċi Sindku VB qal li hemm bżonn li jkun hemm iktar sigurtà għall-impjegati u qal li ma jaqbilx li n-nies jibqgħu deħlin sal-imwejjed. Il-Kunsill qabel.

**30.10 AUDITED FINANCIAL STATEMENTS**

30.10.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-Awdituri kienu ppreżentaw il-klassifikazzjonijiet tagħhom. Is-SE ippreżentat l-Audited Financial Statements li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill.

30.10.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-Audited Financial Statements u ssekondat mill-Kunsillier AD, ittieħed vot bir-riżultat kien favur unanimament.

**30.11 KORRISPONDENZA**

30.11.1. **MEMO INTERNA 84/07**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo Interna 84/07 fejn gie diskuss l-għotja tal-premju Tonna Trophy. Il-Kunsill approva li dan jingħata lil Alfred Mockridge.

30.11.2. **L-ISEM KORRETT TAL-LOKALITA' FLORIANA**

Is-Sindku DSH informat li kienet intbagħtet korrispondenza lill-Transport Malta kif ukoll lill-*media* lokali li l-isem uffiċċjali tal-lokalita' kien Floriana u mhux il-Furjana. Hija qalet li ma kienx hemm risposta dwar dan.

30.11.3. **BIDLA FIL-PROĊEDURA TAT-TISMIJA TAT-TOROQ**

Is-Sindku DSH qalet li kienet inżammet laqgħa dwar l-ismijiet tat-toroq u talbet lis-SE sabiex tispjega. Is-SE qalet li għalkemm il-lokalita' tal-Floriana ma kellhiex tiġi wisq affettwata, ser tibgħat id-dettalji diskussi fil-laqgħa lill-kunsillieri.

30.11.4. **MEMO INTERNA 83/07**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Memo Interna 83/07 u talbet l-approvazzjoni formali għal dawn ir-reklami. Il-Kunsill qabel.

30.11.5. **Korrispondenza mingħand il-UNHCR**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-UNHCR li talbu lill-Kunsill jikkonferma jekk vetturi diplomatiċi ikunux suġġetti għal multi jekk jipparkjaw fuq spazji riservati għall-iskema ta' parkeġġ. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferi din il-korrispondenza lill-Avukat tal-Kunsill sabiex iwieġeb b'mod uffiċjali.

30.11.6. **Korrispondenza mingħand il-Malta Parkinsons Disease Association**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Parkinsons Disease Association li talbu donazzjoni ta' €100. Il-Kunsill ma qabilx minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji tiegħu.

30.11.7. **Monument tal-Ferrovija**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Dr Philip Agius dwar il-monument tal-ferrovija. Is-Sindku qalet li l-ideja kienet sabiħa ħafna iżda l-ispiża għal dan il-proġett kienet għalja.
Il-Viċi Sindku VB qal li fil-leġislatura preċedenti kien inġieb permess mill-MEPA għal dan il-proġett iżda tali proġett kien ser jammonta għal madwar €200,000. Il-Kunsill qabel li m'għandux jipproċedi b'dan il-proġett minħabba li sfortunatament ma kellux il-fondi neċessarji.

30.11.8. **Dog Park**

Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-proposta tad-*dog park* u qalet li kienet ikkomunikat mal-Onor. Herrera dwar din il-proposta iżda kien għad m'hemmx risposta.

30.11.9. **Bicycle Rack quddiem il-Kunsill**

Is-Sindku DSH qalet li l-*bicycle rack* kienet ingiebet b'xejn mingħand il-GHRC u li kienet qed tistenna konferma sabiex din titwahhal.

30.11.10. **Talba mingħand Sons of Archery**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Sons of Archery li talbu spazju fejn ikunu jistgħu jipprattikaw id-delizzju tagħhom. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' din l-għaqda sabiex tiġi diskussa t-talba tagħhom.

30.11.11. **Korrispondenza mill-GRTU**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-GRTU li nformaw ser jirrilokaw l-uffiċċju tagħhom fi Triq il-Kapuċċini. Hija qalet li talbu li ssir struttura fuq il-bankina sabiex l-uffiċċju tagħhom ikun aċċessibbli minn persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku DSH qalet li kienet informathom li l-Kunsill ma jagħtix approvazzjoni li l-bankini jiġu ostakolati minn strutturi permanenti u għalhekk huma kienu nformaw li kellhom ikellmu lill-Perit sabiex issir xi struttura li tkun tista' tidhol u toħroġ skont il-bżonn.

30.11.12. **Reklam fuq il-pubblikazzjoni tal-Assocjazzjoni San Publju**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Assocjazzjoni San Publju ta' Malta li offrew lill-Kunsill spazju għal reklam għall-prezz ta' €450. Il-Kunsill qal li għalkemm ma jsibx oġġezzjoni li jagħmel reklam fil-pubblikazzjoni tagħhom, iħoss li l-prezz mitlub kien eżorbitanti. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li mhux lest iħallas iktar minn €200 għal dan ir-reklam.

30.11.13. **Korrispondenza mingħand l-FAA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-FAA li talbu li jikru s-sala tad-Dar tal-Kunsill nhar is-26 t'April 2017. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u qabel li għandu jitlob ir-rata tas-soltu tal-kirja kif ukoll biex jitħallas l-impjegat tal-Kunsill li ser jiftaħ u jagħlaq l-uffiċini.

30.11.14. **Ittra mingħand l awdituri**

Is-SE informat lill-Kunsill bl-ittra mibgħuta mill-awdituri li għandha tiġi iffirmata sabiex jingħata kunsens għall-informazzjoni. Din ġiet iffirmata u ser tintbagħat lill-awdituri kif mitlub.

30.11.15. **Isle of MTV 2017**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-MTA fejn ikkonfermaw li l-Isle of MTV kien ser jinżamm fil-lokalita' tal-Floriana u qalu li kienu ser javvicinaw lill-Kunsill biex tinżamm laqgħa dwar l-Isle of MTV. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jilqa' t-talba għal permess u insista li għandha tinżamm laqgħa mhux aktar tard mill-ġimgħa ta' wara minħabba li z-żmien kien qed joqrob.

30.11.16. **Invit mill-Arċipriet tal-lokalita'**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Arċipriet fejn stieden lill-Kunsill għall-quddies iddedikata lill-għaqdiet tal-parroċċa u lajċi. Huwa estenda wkoll l-istedina għal Jum il-Floriana nhar it-23 t'April 2017 u għal jum il-festa nhar it-30 t'April 2017.

30.11.17. **Korrispondenza mingħand il-Malta Horticultural Society of Malta**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Malta Horticultural Society of Malta fejn stieden lill-Kunsill jattendi għall-attività li ser tinżamm fi Ġnien San Anton u offra lill-Kunsill sabiex jippreżenta exhibit ta' frott. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk jistax joħroġ pagament biex isir l-exhibit (li jmur għad-Dar tal-Provvidenza) u f'każ li jkun hemm approvazzjoni, il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi.

30.11.18. **Mini Police Day fl-Iskola Primarja**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Supretendent Mallia fejn informa lill-Kunsill li ser tiġi organizzata Mini Police Day fl-Iskola Primarja. Is-Sindku żiedet tgħid li l-Pulizija talbu l-assistenza tal-Kunsill ghat-tindif wara l-attività. Il-Kunsill qabel li għandu javvicinaw lill-Cleansing Department sabiex jipprovdi t-tindif neċessarju.

30.11.19. **Parkeġġi riservati għall-kleru**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta dwar il-parkeġġi riservati għall-kleru tal-lokalita'. Hija qalet li Transport Malta kienu nformaw li dawn ma jaqgħux taħt il-linji gwida tagħhom u għalhekk ma setgħux jiġu approvati. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien informat li kien

hemm knejjes f'lokalitajiet oħra li kellhom parkeġġi riservati għall-kleru. Għalhekk is-Sindku DSH pproponiet li l-Kunsill jistenna risposta minn Transport Malta.

**30.12 GARAGE MIKRI MILL-AWTORITÀ TAD-DJAR**

30.12.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Awtorità tad-Djar fejn informaw li l-kirja annwali kienet ser togħla. Is-SE qalet li kienet informathom li l-Kunsill ma kienx lest iġedded il-kuntratt qabel ma tissewwa l-ħsara li hemm fis-saqaf tal-garage u kienet ġiet informata li ser jintbagħat il-Perit tal-Awtorità tad-Djar biex issir spezzjoni u rapport tal-post.

**30.13 MANDAT - JUSTIN ATTARD**

30.13.1. Is-Sindku DSH informat li kien inbeda' l-proċess ta' mandat ta' sekwestru fil-konfront ta' Justin Attard. Is-Sindku żiedet tgħid li s-Sur Attard ma kienx gie notifikat minħabba li n-notifika ma setgħetx tiġi mwassla.

Is-SE qalet li dan ma jaffetwax il-mandat ta' sekwestru iżda f'każ li n-notifika tibqa' ma tiġix imwassla, kienet ser tkellem lill-Avukat sabiex tara x'jista' jsir. Is-SE qalet li huwa importanti li l-Kunsill ikun għamel minn kollox biex jiġbor flusu lura.

**30.14 DEVOLUZZJONI TAL-ĠNIEN BINJA VILHENA**

30.14.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-proċess għad-devoluzzjoni ta' Ġnien Binja Vilhena kien beda' u l-Kunsill kien qed jistenna risposta mingħand l-Accountant tal-Kunsill sabiex ikun jista' jressaq l-applikazzjoni.

**30.15 ST PATRICK'S DAY**

30.15.1. Is-Sindku DSH qalet li l-attività kienet ġiet organizzata b'mod aħjar iżda kienet iddiżappuntata bl-attendenza. Hija qalet li jista' jagħti l-każ li peress li l-attività kienet ġiet organizzata wara l-festa proprja, dan seta' effettwa l-attendenza. Hija qalet ukoll li nzertat li l-attività ttellgħet fil-festa ta' San Guzepp u għalhekk dan ukoll kien fattur li affetwa.

30.15.2. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li l-attività għandha ssir fil-*weekend* ta' qabel jum San Patrizju. Huwa ppropona wkoll li għandu jiġi diskuss kif l-attività tingħata struttura differenti.

30.15.3. Is-Sindku DSH qalet li xtaqet tirringrazzja lill-membri kollha tal-Kumitat Organizzattiv tal-ħidma u x-xogħol tagħhom.

30.15.4. Is-Sindku DSH issuġġeriet li għall-edizzjoni li jmiss, il-Kunsill jinvesti f'iktar reklamar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**30.16 JUM IL-FLORIANA**

30.16.1. Is-Sindku DSH qalet li l-preparamenti kienu għaddejjin b'ritmu tajjeb. Hija qalet li l-preżentaturi kienu ser ikunu Jacky Mercieca u Mario Xuereb u li l-kantanti kienu ser ikunu Leah u Bradley Cauchi.

30.16.2. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsillier AD ser jiltaqa' mal-kumitat li ser jieħu ħsieb in-nominazzjonijiet. Hija qalet ukoll li għall-ewwel darba din id-deċiżjoni ma kienitx ser tittieħed mill-Kunsill u għalhekk il-Kunsill kien ser ikun jaf ir-rebbieħa min huma dakinhar stess.

30.16.3. Is-Sindku DSH qalet li l-uffiċċju kien fil-proċess li jibgħat l-inviti lill-entitajiet kif ukoll lil dawk innominati. Hija qalet li ser tiġi mistiedna wkoll il-President.

30.16.4. Il-Kunsillier JAE qal li kienu ser jitwaħħlu wkoll il-banners bħalma jsir kull sena.

30.16.5. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinforma lill-Kummissarju tal-Pulizija dwar ir-rebbieħ tal-Premju Uffiċjal tas-Sena.

## 30.17 ĠIEH IL-FLORIANA

30.17.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jinnomina lil xi ħadd għall-premju Ġieh il-Floriana.

30.17.2. Is-Sindku DSH qalet li tixtieq tinnomina lil Norman Hamilton li huwa Furjaniż, għandu business fil-lokalita' u huwa wkoll Konslu ta' Malta ghar-Renju Unit.

30.17.3. Il-Kunsillier JAE qal li hu jixtieq jinnomina lil Dr George Grech li jagħti servizz kbir lil-komunità.

30.17.4. Is-Sindku DSH qalet li normalment tkun persuna li tkun waslet biex tispiċċa mis-servizz tagħha u għalkemm taqbel li Dr George Grech jistħoqqlu ġieh, tħoss kien għad fadallu xi ftit tas-snin fis-servizz.

30.17.5. Għalhekk il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinnomina lis-Sur Norman Hamilton.

## 30.18 FESTIVAL TAL-LOGĦOB TAN-NAR MEKKANIZZAT

30.18.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u qalet li l-preparamenti kienu għaddejjin ġmielhom. Hija qalet li kienu ser jieħdu sehem sittax-il kamra tan-nar f'din l-edizzjoni.

30.18.2. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien iddeċieda li l-ispiża ghan-nar sinkronizzat li jingħata minn fuq bejt ma teċċedix it-€350. Hija kienet ġiet informata mill-kuntrattur li dan l-ammont ma kienx ser ikun biżżejjed biex isir nar sodisfaċenti. Għalhekk il-Kunsill qabel li ma jagħmilx nar sinkronizzat.

30.18.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien gie avviċinat minn *media* lokali li ser jagħmlu programm fuq stazzjon televiżiv u talbu permess lill-Kunsill. Huma nformaw li ser jipprovdu kopja ta' dak li jkun intwera fuq l-istazzjon. Il-Kunsill qabel li għandu jingħata permess lil dawn il-ġurnalisti.

30.18.4. Is-SE MLL qalet li l-ispiża ta' din l-attività kienet qed tammonta għal ħafna iktar mis-soltu. Is-Sindku DSH qalet li ma jistax ikun li jkun hemm numru daqshekk kbir ta' kmamar tan-nar. Hija pproponiet li għas-sena d-dieħla jkun hemm limitu għan-numru ta' parteċipanti li jistgħu jieħdu sehem.

30.18.5. Is-Sindku DSH qalet li l-konferenza stampa ser tinżamm fis-26 t'April 2017 fil-11.00am u li għaliha għandu jattendi l-Onor. Stefan Buontempo.

30.18.6. Is-SE talbet li tiġi irrekordjata fil-minuti li fil-laqgħa kien gie deċiż li f'każ li jkun il-maltemp, il-festival ma jinżammx il-Ħadd. Is-Sindku DSH qalet li tali deċiżjoni kienet diġà mgħarrfa lill-ko-ordinatur preċedentement.

30.18.7. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel ukoll li fl-eventwalita' li l-festival ikollu jiġi kkanċellat minħabba l-maltemp, dan għandu jiġi kkomunikat sa mhux aktar tard mill-10am tas-Sibt 29 t'April 2017.

30.18.8. Il-Kunsill qabel li għandu jinnotifika lill-koordinatur li l-Kunsill ser jimxi ma' dak li gie deċiż fil-laqgħa miegħu u dan minħabba c-ċirkostanzi ta' kif ser jaħbat il-festival. Fir-rigward tal-pagament, il-Kunsill ser jimxi skont it-termini tal-kuntratt iffirmat mal-parteċipanti.

## 30.19 STEDINA LILL-KUNSILL TA' MACERATA

30.19.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill ta' Macerata kien laqa' l-istedina tal-Kunsill sabiex jattendu għall-festival. Hija qalet li l-Kunsill għandu jinforma lill-Arċipriet kif ukoll lil Chris Vella dwar l-attendenza tar-rappreżentanti tal-Kunsill ta' Macerata.

30.19.2. Is-Sindku DSH qalet li l-akkomodazzjoni kienet ġiet sponsorjata mill-Grand Hotel Excelsior u kien għad fadal biss li jiġi organizzat it-trasport kif ukoll l-ikel.

**30.20 GĦELUQ TA' TRIQ SANT' ANNA FL-1 TA' MEJJU**

30.20.1. Il-Kunsillier AGS qal li kien ġie avviċinat mis-Supporters Club li talbu li huma u deħlin mix-xalata, tingħalaq Triq Sant'Anna.

30.20.2. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lis-Supretendent Mallia li tingħalaq il-karreġġjata fi Triq Sant'Anna minn Bieb il-Bombi 'l quddiem fil-ħinijiet ta' bejn is-7.30pm u d-9.00pm.

**30.21 ISLE OF MTV**

30.21.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li kif gie diskuss preċedentement, kien gie ikkonfermat li l-kunċert tal-Isle of MTV ser jinżamm fil-lokalita' tal-Floriana u li ser tintalab laqgħa b'mod immedjat.

30.21.2. Is-Sindku DSH qalet li tinsisti wkoll li tinżamm laqgħa mal-bars u n-negozji tal-lokalita'.

**30.22 ĠENNA TA' ĠONNA**

30.22.1. Is-Sindku DSH staqsiet jekk kienx hemm xi risposta mingħand Paul Galea rigward is-servizz tiegħu bħala gwida u espert dwar il-ferroviji. Is-SE MLL wiegbet li ma kienx hemm risposta. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jfakkar lis-Sur Galea sabiex il-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni dwar meta ser tinżamm din l-edizzjoni tal-attivita'.

**30.23 SPORTS DAY TAL-ISKOLA PRIMARJA**

30.23.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għal dak li gie diskuss fil-laqgħa preċedenti u qalet li l-Akkademja ma kienitx f'pożizzjoni li tieħu ħsieb il-midalji tal-isports day. Il-Kunsill qabel li għandu jieħu ħsieb iġib kwotazzjonijiet sabiex jieħu ħsieb il-midalji hu.

**30.24 FUNTANI KG5**

30.24.1. Is-Sindku DSH qalet li għal darb'ohra l-Kunsill kien irċieva korrispondenza sabiex tinżamm laqgħa fejn ser jiġi diskuss kif jista' jiġi evitat il-virus taz-Zika.

30.24.2. Is-Sindku DSH qalet li s-SE għandha tiltaqa' ma' ġardinar dwar il-possibbiltà li jsiru pjanti fil-funtani kif kien gie diskuss f'laqgħat preċedenti. Is-SE MLL qalet li għandha tinforma lill-Kunsill bl-eżitu tal-laqgħa.

30.24.3. Il-Kunsillier AD informa li kien hemm żewġ artistic impressions f'dar-rigward. Il-Kunsill qabel li l-materja tiġi konkluża qabel is-Sajf.

## 30.25 POST MINN FEJN JINŻLU U JITILGĦU PASSIĠĠIERI TA' *OPEN TOP BUSES* FI TRIQ SANT ANNA

30.25.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Transport Malta fejn informaw li kienu ser jallokaw post li jiġi quddiem l-Express Garage sabiex isir *layby* għal open top buses. Hija qalet li Transport Malta kienu nformaw li l-Express Garage ma kellux permess għal *yellow lines* quddiem il-garaxx tiegħu.

30.25.2. Il-Kunsillier AD qal li hu jħoss li l-bankina ta' quddiem l-Express Garage kienet dejqa wisq għall-ammont ta' passiġġieri li jkunu abbord dan it-tip ta' *bus*.

30.25.3. Il-Viċi Sindku VB qal li anke jekk l-Express Garage ma kellux permess għal-linji, il-liġi xorta waħda ma tippermettix li garaxx jiġi ostakolat.

30.25.4. Is-Sindku qalet li din il-persuna kienet ilha għaddejja bin negozju għal snin twal. Hija żiedet tgħid ukoll li ma tħossx li għandu jkun il-Kunsill li jieħu deċiżjoni dwar triq arterjali.

30.25.5. Wara li saret diskussjoni, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta minħabba li l-Express Garage kien ilu żmien bil-*yellow lines* quddiemu u għalhekk iħoss li kellu jintlaħaq ftehim bejn Transport Malta u l-Express Garage. Il-Kunsill ma qabilx lanqas li għandu jieħu deċiżjoni hu dwar triq arterjali li ma taqax taħt ir-responsabbilta' tiegħu. Il-Kunsill insista wkoll li l-lokalita' tal-Floriana diġà għandha pressjoni kbira dwar il-parkeġġ għar-residenti u ma jhossx li għandu jkompli jżid dan il-piż fuq il-lokalita' u li tali *stage* għandu jsir fi Triq Sarria ħdejn Ġnien il-Mall sabiex ma jintilfux iktar spazji ta' parkeġġ.

## 30.26 XIRI TA' *CAT CAFÉS*

30.26.1. Is-Sindku DSH fetħet il-materja billi qalet li kellha talba sabiex isiru cat cafés ġodda fi Ġnien Preziosi u fi Ġnien il-Mall minħabba li dawk eżistenti kienu tkissru. Il-Kunsill qabel li jilqa' t-talba u qabel li għandu jġib il-kwotazzjonijiet għal dawn il-cat cafés.

## 30.27 TINDIF TAŻ-ŻONA BISWIT IL-HQ TAL-ISCOUTS

30.27.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għaż-zona ta' maġenb l-Iscouts u qalet li kien sar tindif estensiv fejn tneħħa ammont kbir ta' skart.

30.27.2. Is-Sindku qalet li kellha talba sabiex il-cat cafés li hemm fid-Dar tal-Anzjani jiġu rilokati għal din iz-zona.

30.27.3. Il-Viċi Sindku VB wera t-tħassib tiegħu ghall-eventwalita' li r-residenti li bħalissa jieħdu ħsieb jitimgħu il-qtates, jaf ma jibqgħux jagħmlu dan fis-snin li ġejjin. Huwa qal ukoll li diġà hemm cat cafés ftit bogħod miz-zona diskussa.

30.27.4. Is-Sindku qalet li l-fatt li z-zona tkun qed tintuża ifisser li din mhux ser terġa' titħammeġ għax ser ikun hemm xi ħadd li jieħu ħsiebha. Għalhekk hi pproponiet li l-Kunsill jagħti xahrejn żmien ta' prova u jara kif jiżvolġu l-affarijiet. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

30.27.5. Is-SE MLL qalet li hi ma taqbilx li l-Kunsill jagħti ċavetta għall-aċċess ta' proprjetà tal-Kunsill lill-terzi persuni. Għalhekk il-Kunsill qabel li c-ċavetta għandha tinżamm mill-Kunsill, filwaqt li tinġabar skont il-bżonn u tiġi ritornata immedjatament wara.

### 30.28 XIRI TA' BANKIJIET U MEJDA GĦALL-ĠNIEN PREZIOSI

30.28.1. Is-Sindku DSH qalet li kien hemm domanda minn residenti sabiex jiżdiedu l-bankijiet u l-imwejjed fi Ġnien il-Preziosi minħabba li dan il-ġnien jintuża ħafna fiż-żmien tas-Sajf. Minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja, is-Sindku pproponiet li għalissa jinxtraw biss żewġ bankijiet u mejda.

30.28.2. Il-Viċi Sindku VB qal li hemm xi bankijiet li ma jintużawx kif ukoll żewġ bankijiet u mejda maġenb l-Ambaxxata Torka peress li dawn ikunu maħmuġin kawża tal-ħamiem. Huwa ppropona li dawn jinqalghu minn fejn huma u jitwaħħlu fejn suġġerit.

30.28.3. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jsiru l-arranġamenti possibbli biex tintlaqa' din it-talba. Is-Sindku talbet lill-Viċi Sindku VB biex flimkien mal-ħaddiem tal-Kunsill jinżel fil-ġnien u jaraw x'hemm bżonn li jsir u x'hemm bżonn jinxtara.

30.28.4. Is-Sindku DSH informat lill-ħaddiem manwali tal-Kunsill sabiex jieħu ħsieb il-manutenzjoni neċessarja fil-ġonna qabel iż-żmien tas-Sajf.

### 30.29 LOCAL WARDENS U ECO WARDENS

30.29.1. Is-Sindku DSH qalet li kienet inzammet laqgħa mal-LESA fejn gie diskuss il-bżonn li jkun hemm biżżejjed wardens u *Eco wardens* fil-lokalita'. Is-Sindku qalet li kien gie suġġerit li tinżamm laqgħa mar-residenti fejn jiġu diskussi l-*Eco wardens*.

30.29.2. Il-Viċi Sindku VB qal li biex il-Kunsill ikun jista' jżomm din il-laqgħa, hemm bżonn li jkun informat b'iktar dettalji bħal kemm il-*warden* ikun hawn fil-lokalita', il-ħinijiet tagħhom, eċċ.

30.29.3. Is-Sindku DSH qalet li kienet innotat li wħud mill-gwardjani lokali kienu qed jipparkjaw fl-ispazji riservati għall-iskema ta' parkeġġ għal ħinijiet twal. Hija qalet li kienet informat lil-LESA dwar dan u qalet li għandha terġa' tkellem lil min hu nkarigat sabiex tara x'azzjoni ġiet meħuda rigward dan l-ilment.

30.29.4. Is-Sindku DSH ipproponiet li tintbagħat korrispondenza lil-LESA sabiex tinformahom li l-Kunsill lest jiltaqa' mar-residenti kif propost iżda l-ewwel għandu bżonn ikun jaf x'qed jiġi offrut mil-LESA. Hija qalet ukoll li hemm bżonn li jiġi enfasizzat il-punt li jekk il-Kunsill mhux ser jara titjib fis-servizz, kien ser ikollu jirrikorri ghand il-Ministru. Il-Kunsill qabel li għandu jinformahom b'dan.

30.29.5. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għal-liġi proposta fejn jibda' jingħata *warning* qabel ma vettura titħarrek. Huwa qal li ma jaqbilx ma' din il-proposta u qal li sewwieq li ġab il-liċenzja għandu jkun jaf ir-regolamenti tat-traffiku u ma kienx hemm bżonn li joqgħod jingħata warning.

### 30.30 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.

30.30.1. Il-laqgħa ntemmet fit-7.50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 fil-5.00 pm.

**Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2017**

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |